**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1125/2019 AF**

**BNF Bank plc gjà Banif Bank (Malta) plc (C-41030)**

**vs**

**Robert Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' BNF Bank plc gjà Banif Bank (Malta) plc, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti tieghu.

Il-konvenut huwa klijent tal-kumpannija attrici u ha minghandha self biex jiffinanzja l-akkwist ta' vettura.

Dan is-self, koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 2 ta' Novembru 2016 (ara Dok. 'A') kien jikkonsisti f'Loan ta' tmintax-il elf u hames mitt Ewro (€18,500) u jirrigwarda il-Loan Account numru 511242 71 2 mizmum mill-konvenut mal-kumpannija attrici.

Il-konvenut naqas milli jhallas lura dan is-self u fuq l-imsemmi Loan Account ghad fadal bilanc dovut ta' hmistax-il elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€15,228.21), liema bilanc jinkludi imghaxijiet ta' tlett mija u disa' u hamsin Ewro u hames centezmi (€359.05), mahduma sad-19 ta' Novembru 2019 (ara Dok. 'B').

Minbarra dan is-self, il-konvenut ghandu jhallas lill-kumpannija attrici spejjez bankarji relatati mal-Loan u li jammontaw ghal disa' mija u sbatax-il Ewro u disghin centezmu (€917.90) bl-imghaxijiet ta' erba' Ewro u seba' u hamsin centezmu (€4.57) inkluzi u mahduma sad-19 ta' Novembru 2019 (ara Dok. 'C'). Dan l-ammont hu dovut fuq il-Current Account numru 511242 10 1 li l-konvenut ghandu mal-kumpannija attrici (ara Dok. 'D').

In vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija attrici sad-19 ta' Novembru 2019, kien ta' sittax-il elf, mija u sitta u erbghin Ewro u hdax-il centezmu (€16,146.11).

Dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini ta' klawsola numru 15 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' fuq imsemmi u dan ghax kif stipulat f'dik l-istess klawsola, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

> "a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility.
>
> b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and

undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with terms of the agreement regualting the Facility", u

Il-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha d-dejn, fosthom permezz ta' ittri legali datati 3 ta' Awwissu 2018 (ara Dok. 'E') u 21 ta' Awwissu 2018 (ara Dok. 'F') u ittra ufficcjali numru 109/2019 mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li ma gietx notifikata (ara Dok. 'G') izda dan baqa' inadempjenti.

Il-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €16,146.11.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta' €16,146.11.

Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mid-19 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Bank charges u fees qed jintalbu: kwantu l-Loan fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u mmarkat Dok. 'A' u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'H'); u

kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini tat-Terms and Conditions mmarkati Dok. ‘I’ u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. ‘J’); liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw appena l-kovenut accetta li jiehu l-facilitajiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:

1. Disa’ fil-mija (9%) fis-sena kwantu l-ammont dvout fuq il-Loan Account imsemmi aktar ’l fuq (ara klawsoli numru 6 u 15 fuq Dok. ‘A’ fuq imsemmi), u

2. Ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account imsemmi aktar ‘l fuq (ara markar bl-ahdar fuq Dok. ‘J’).

Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u dan b’rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenut.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li Robert Muscat, minkejja li gie debitament notifikat, baqa’ ma deherx ghall-kawza.

Rat li t-talbiet huma gustifikati.

Ghaldaqstant il-Qorti fic-cirkostanzi, taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa’ t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez, charges u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Robert Muscat.

IMHALLEF

DEP/REG